

Brussell, 4 ta' Ġunju 2021
(OR. en)

9314/21

SOC 364
EMPL 271
EDUC 218
SAN 341
ECOFIN 549

NOTA

minn:	Kumitat tal-Impjiegi u Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Semestru Ewropew b) Opinjoni tal-EMCO u l-KPS dwar il-Proposta tal-Kummissjoni għal Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali Riveduta - Approvazzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż l-opinjoni msemmija hawn fuq, bil-għan li tiġi approvata mill-Kunsill (EPSCO) fl-14 ta' Ġunju 2021.

Opinjoni tal-EMCO u l-KPS dwar il-Proposta tal-Kummissjoni għal Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali Riveduta

1. Fl-4 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat il-Komunikazzjoni tagħha dwar Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali¹, fejn indikat azzjonijiet konkreti biex l-Istati Membri u l-UE jkomplu jimplimentaw il-prinċipji tal-Pilastru² bħala sforz konġunt. Il-Pjan ta' Azzjoni inkluda wkoll proposta biex tiġi riveduta t-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, permezz ta' aġġornament tas-sett eżistenti ta' indikaturi sabiex il-progress fl-implimentazzjoni tal-Pilastru jkun jista' jiġi segwit b'mod aktar komprensiv. Fil-laqgħa informali tagħhom tat-8 ta' Mejju 2021, il-Kaprijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Unjoni qablu dwar id-Dikjarazzjoni ta' Porto, li għamlet ukoll referenza għall-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Pilastru u laqgħu t-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali riveduta li ġiet proposta fiha.
2. Fil-laqgħat rispettivi tagħhom tal-11 u t-12 ta' Marzu 2021, il-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS) taw mandat lill-gruppi rispettivi tagħhom tal-indikaturi biex jeżaminaw il-proposta għar-reviżjoni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali eżistenti u jirrapurtaw lura lill-Kumitati f'Mejju dwar is-sejbiet tagħhom. Il-gruppi tal-indikaturi ddiskutew il-proposta tal-Kummissjoni fid-dettall matul diversi laqgħat dedikati bejn Marzu u nofs Mejju³, u wara dan il-Presidenti tal-gruppi tal-indikaturi rrapurtaw lura b'mod konġunt lill-Kumitati dwar ir-riżultati tad-diskussjonijiet.
3. Abbażi tas-sejbiet rappurtati mill-gruppi tal-indikaturi, il-Kumitati żviluppaw opinjoni komuni dwar il-proposta għal Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali riveduta kif dettaljat hawn taħt u fl-anness, li f'dan l-istadju tiffoka fuq l-indikaturi ewlenin stipulati fil-proposta tal-Kummissjoni.

¹ ST 6649/21 + ADD 1-2

² <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32017C1213%2801%29>

³ Il-kumitat EDUC ġie kkonsultat dwar l-indikaturi relatati mal-edukazzjoni, it-tagħlim u t-taħriġ.

4. L-EMCO u l-KPS jieħdu nota tal-proposta tal-Kummissjoni għal Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali riveduta u jilqgħu l-fatt li l-ħidma biex tiġi ffinalizzata din ir-reviżjoni għandha titwettaq f'kooperazzjoni maż-żewġ Kumitati. Huma jappoġġaw l-objettiv li fl-Unjoni kollha l-monitoraġġ u l-valutazzjoni tas-sitwazzjoni tal-impjiegi u dik soċjali jitjiebu b'mod integrat u aktar viżibbli.
5. F'dan l-istadju, il-Kumitati jaqblu dwar l-inklużjoni tal-indikaturi ewlenin ġodda proposti flimkien ma' dawk eżistenti fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, kif indikat fil-proposta tal-Kummissjoni, għall-użu fir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi (JER), b'kont meħud tal-kjarifiki meħtieġa dwar id-definizzjonijiet u l-użu tagħhom kif dettaljat fl-Anness. Dan jinkludi wkoll, fejn meħtieġ, xi spjegazzjonijiet ulterjuri fir-rigward tal-valutazzjoni ta' xi indikaturi eżistenti. Fejn għad ma jeżisti l-ebda indikatur ewleni għal prinċipju partikolari, ser titwettaq aktar ħidma sabiex il-prinċipji kollha tal-Pilastru jkunu koperti.
6. Jenħtieġ li jkun hemm aktar diskussjoni dwar jekk għandhomx jiġu inklużi l-indikaturi sekondarji fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, kif propost ukoll mill-Kummissjoni biex tiġi kkomplementata l-analiżi fil-JER. Il-Kumitati huma tal-opinjoni li din l-analiżi għandha tkompli tiġi appoġġata wkoll mill-għodod eżistenti ta' monitoraġġ tal-EMCO-KPS u l-indikaturi inklużi fihom. Filwaqt li l-Kumitati ma joġġezzjonawx li l-indikaturi sekondarji proposti jintużaw biex jappoġġaw l-analiżi fil-JER, dawn ma għandhomx jissejġu formalment *indikaturi sekondarji* qabel ma jintlaħaq qbil dwar l-inklużjoni tal-indikaturi sekondarji fit-Tabella ta' Valutazzjoni.
7. Il-pożizzjoni ta' hawn fuq dwar l-indikaturi sekondarji tirrifletti d-diskussjonijiet fi ħdan il-gruppi ta' ħidma tal-indikaturi tal-EMCO u l-KPS, li matulhom diversi Membri esprimew riżervi fir-rigward tal-valur miżjud tal-inklużjoni ta' sett fiss ta' indikaturi sekondarji. Xi Stati Membri jqisu li t-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali għandha tiffoka biss fuq l-indikaturi ewlenin, filwaqt li jappellaw għal flessibbiltà fir-rigward tal-użu ta' indikaturi addizzjonali u strumenti ta' monitoraġġ eżistenti tal-Kumitat għall-appoġġ tal-analiżi tal-indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali.

8. Madankollu, fil-qafas ta' dawn id-diskussjonijiet, il-biċċa l-kbira tal-indikaturi sekondarji ġodda proposti ġew miftiehma individwalment għall-inklużjoni potenzjali f'sett ta' indikaturi sekondarji, f'każ li eventwalment jintlaħaq kunsens biex l-indikaturi sekondarji jiġu inklużi fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, kif imqassra fl-Anness.
9. Il-Kumitati jieħdu nota tal-fatt li l-Kummissjoni enfasizzat ir-rwol tal-indikaturi sekondarji biex tinkiseb kopertura wiesgħa tal-prinċipji tal-Pilastru u l-importanza, fil-fehma tagħha, li jkun hemm sett fiss ta' indikaturi għal raġunijiet ta' konċiżjoni u parsimonja. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni għarfet l-importanza tal-għodod ta' monitoraġġ eżistenti tal-EMCO-KPS bħala komplementari għat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, u impenjat ruħha li tkompli tużahom kif xieraq, kif inhi l-prattika attwali.
10. Filwaqt li ż-żewġ gruppi tal-indikaturi ddiskutew b'mod estensiv l-indikaturi sekondarji, ser tkun meħtieġa aktar ħidma f'dan ir-rigward. Il-Kumitati ser jerġgħu lura għal din il-kwistjoni fil-futur qarib, b'mod partikolari biex jiddiskutu aktar l-adegwatezza li jkun hemm sett fiss ta' indikaturi sekondarji fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali biex tiġi kkomplementata l-analiżi fil-JER u l-kompożizzjoni tiegħu.
11. B'għajnejhom fuq il-futur, il-Kumitati jqisu li jenħtieġ li jkun hemm diskussjoni wiesgħa dwar ir-rwol tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali fir-rigward ta' għodod ta' monitoraġġ eżistenti oħra, kif mitlub fir-rapport ta' valutazzjoni konġunt tagħhom dwar l-Istrateġija Ewropa 2020, biex il-metodoloġija għall-valutazzjoni tal-indikaturi ewlenin fil-JER tiġi rfinata u biex proposti għal indikaturi xierqa jiġu eżaminati bil-għan li jimtlew il-lakuni li fadal fir-rigward tal-prinċipji tal-Pilastru li bħalissa mhumiex koperti jew mhumiex koperti biżżejjed.

Anness – Indikaturi ewlenin ġodda maqbula għall-inklużjoni, bidliet fl-indikaturi ewlenin eżistenti u informazzjoni dwar indikaturi sekondarji għal inklużjoni futura possibbli fit-

Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali

Indikaturi Ewlenin Ġodda

1. Parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim matul l-aħħar 12-il xahar.

L-indikatur għandu jkun akkumpanjat minn nota ta' spjegazzjoni f'qiegħ il-paġna li tindika l-bidla tas-sors tad-data mill-Istħarriġ dwar l-Edukazzjoni għall-Adulti (AES) għall-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol (LFS) fl-2022. Il-Kummissjoni ser timmonitorja l-indikatur flimkien mal-Eurostat u ser twettaq analiżi bir-reqqa tad-data miż-żewġ sorsi tal-istħarriġ ladarba dawn isiru disponibbli (2023) sabiex jiġu indirizzati kwistjonijiet potenzjali, u jiġu żgurati l-kwalità u l-komparabbiltà tad-data.

2. Rata ta' riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali għat-tfal (AROPe, 0–17). *L-indikatur għandu jkun akkumpanjat minn nota ta' spjegazzjoni f'qiegħ il-paġna li tispjega li l-analiżi ta' dan l-indikatur għandha tkun appoġġata mill-komponenti sottostanti tiegħu⁴ għall-popolazzjoni tat-tfal). Il-valutazzjoni għandha tiġi kkomplementata b'aspetti speċifiċi għat-tfal, b'mod partikolari bl-użu tal-indikatur tad-deprivazzjoni speċifiku għat-tfal li ġie adottat reċentement.*

⁴ Rata ta' Deprivazzjoni Materjali u Soċjali Estrema (SMSD), Rata ta' riskju ta' faqar (AROP), Sehem ta' unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjeg (QJ)

3. **Disparità fl-impjegi minħabba d-diżabbiltà.** *In-natura awtorappurtata tal-indikatur u d-definizzjoni tiegħu għandhom jiġu rikonoxxuti f'nota ta' spjegazzjoni f'qiegħ il-paġna, li tenfasizza li l-indikatur huwa bbażat fuq l-approċċ tal-Indikatur tal-Limitazzjoni tal-Attività Globali (GALI) (it-test sħiħ tal-miżura GALI għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni). Din in-nota għandha tipprovdi dettalji dwar ir-rabta bejn ir-rata ta' prevalenza tad-diżabbiltà u d-daqs tad-disparità fir-rata ta' impjegi minħabba d-diżabbiltà fil-livell tal-UE għal kemm ilha teżisti r-relazzjoni. Il-Kummissjoni ser tkompli timmonitorja l-kwalità tal-indikatur u ser tirrevedih fit-terminu medju, flimkien mal-Eurostat, ladarba d-data bbażata fuq l-LFS issir disponibbli (2023), u ser tappoġġa passi ulterjuri biex ittejjeb il-komparabbiltà bejn il-pajjiżi u tesplora l-iżvilupp ta' indikaturi addizzjonali f'dan il-qasam.*
4. **Rata tal-ispiża żejda tal-abitazzjoni.** *L-indikatur għandu jkun akkumpanjat minn nota ta' spjegazzjoni f'qiegħ il-paġna, li tenfasizza informazzjoni addizzjonali ta' appoġġ (inkluż kjarifiki dwar id-definizzjoni u liema spejjeż u allowances/sussidji jkunu qed jiġu kkunsidrati), u għandhom jintużaw twissijiet meta l-indikatur jiġi analizzat, inkluż bl-użu ta' diżaggregazzjonijiet rilevanti (bħal skont il-kwintili tal-introjt, ir-riskju ta' faqar u l-istatus rigward l-abitazzjoni) u indikaturi komplementari biex tiġi appoġġata l-analiżi.*

Bidliet fl-indikaturi ewlenin eżistenti

1. Intlaħaq ukoll qbil biex il-faxxa tal-età li għandha tiġi koperta mill-indikatur dwar iż-żgħażaġħ barra mill-edukazzjoni, impjeg jew taħriġ (ir-rata NEET taż-żgħażaġħ) tiġi modifikata minn 15-24 għal 15-29.

2. Fir-rigward tal-indikatur ewlieni speċifiku ta' dawk f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali (AROPE), meta jintuża kemm għall-popolazzjoni totali kif ukoll għat-tfal, il-komponenti tiegħu għandhom jiġu ttrattati bħala parti mill-indikatur ewlieni (u b'hekk jistgħu jitneħħew mil-lista ta' indikaturi sekondarji), u dan għandu jiġi indikat b'noti f'qiegħ il-paġna biex tingħid l-attenzjoni tal-utenti għall-komponenti bil-mod li ġej:

AROPE 0+ ()*; *AROPE 0-17 (**)*

Noti f'qiegħ il-paġna

(*) flimkien mat-tliet sottoindikaturi tiegħu: *SMSD 0+*, *AROP 0+* u *QJ 0-64*.

(**) flimkien mat-tliet sottoindikaturi tiegħu: *SMSD 0-17*, *AROP 0-17* u *QJ 0-17*.

Tibqa' l-prattika li jiġu analizzati biss l-indikaturi ewlenin (mhux is-sottokomponenti) permezz tal-metodoloġija tal-JER.

3. L-indikatur ewlieni dwar il-qliġ nett ta' ħaddiema full-time mhux miżżewġin mingħajr tfal li jaqilgħu l-paga medja tneħħa.

Informazzjoni dwar indikaturi sekondarji għal inklużjoni futura possibbli fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali

Intlaħaq qbil biss dwar l-indikaturi sekondarji potenzjali li ġejjin:

- dawk li jaqgħu taħt il-mandat konġunt taż-żewġ gruppi tal-indikaturi (id-*"Differenza fl-insuffiċjenza bejn il-kwartili t'isfel u l-ogħla kwartili tal-indiċi soċjoekonomiku (PISA)"* u *"Tfal mill-età ta' tliet (3) snin sal-età obbligatorja tal-iskola primarja fl-indukrar formali tat-tfal"*);
- dawk li jaqgħu taħt il-mandat esklużiv tal-grupp tal-indikaturi tal-EMCO (*"Parteċipazzjoni ta' adulti b'livell baxx ta' kwalifiki fit-tagħlim"*, *"Sehem tal-adulti qiegħda li għandhom esperjenza ta' apprendiment reċenti"*, *"Livell baxx fl-edukazzjoni (inkluż fil-ħiliet diġitali)"*, *"Sehem ta' impjegati temporanji involontarji"*, *"Aċċidenti fatali fuq il-post tax-xogħol għal kull 100,000 ħaddiem (SDG)"* u *"Kopertura tal-benefiċċji tal-qgħad [fost il-persuni qiegħda għal terminu qasir]"*);

- u dawk li jaqgħu taħt il-mandat tas-sottogrupp tal-indikaturi tal-KPS fil-qasam tal-faqar u l-esklużjoni soċjali (“*Disparità medjana fir-riskju tal-faqar*”, “*Sehem tal-introjt ta-40 % tal-ħaddiema bl-aktar pagi baxxi*”, “*Rata tal-benefiċjarji tal-benefiċċji*” u “*Sehem tal-popolazzjoni li ma tistax iżżomm id-dar sħuna b’mod adegwat*”).

Id-diskussjonijiet dwar l-indikaturi sekondarji ġodda proposti li fadal (“*Nefqa fuq il-protezzjoni soċjali bħala sehem tal-PDG*”, “*nefqa fuq is-saħħa bħala sehem tal-PDG*”, “*Nefqa pubblika fuq kura fit-tul bħala sehem tal-PDG*”, “*Kopertura tal-ħtiġijiet tal-kura fit-tul*”, u “*Mortalità evitabbli u trattabbli standardizzata*”) għadhom ma ntemmex u għalissa twaqqfu temporanjament.

Barra minn hekk, il-Membri qablu li, sakemm jintlaħaq qbil finali dwar l-użu tas-sett sħiħ, xi indikaturi sekondarji addizzjonali għandhom jiżdiedu mal-lista ta’ indikaturi sekondarji, jiġifieri l-*indikatur tad-deprivazzjoni speċifiku għat-tfal* u l-*indikatur (standard) tad-deprivazzjoni materjali u soċjali*, filwaqt li jenħtieġ li tiġi vvalutata l-ħtieġa għal aktar żidiet. B’kuntrast ma’ dan, inqabel li l-komponenti tal-indikatur tal-*AROPE* (jiġifieri l-indikaturi tal-*AROP*, tal-*SMSD* u tal-*unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjeg*) għandhom jitneħħew mil-lista sekondarja, peress li għandhom jinqraw flimkien mal-indikatur ewlieni tal-*AROPE*, kif ser jiġi indikat f’nota f’qiegħ il-paġna.